**Tribunal Industrijali**

Decizzjoni Numru 2360

Kaz Numru 3094

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Mark Farrugia

U

Ricasoli Tank Cleaning Limited

Dwar allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju

Illum 2 ta' Frar 2015

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghuta lit-Tribunal Industrijali datata 20 ta' Dicembru 2012 mill-Avukat Dr. Joanne Vella Cuschieri u Dr. Abigail Galra li bghat dan ir-rikors ghan-nom ta' Mark Farrugia fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

Mark Farrugia maghruf bhala l-appellanta kienet assistita mill-Avukat Dr. Joanne Vella Cuschieri u ghall-Kumpanija Ricasoli Tank Cleaning Company Limited deherlvan Borg assistit minn Dr. Andrew Borg Cardona.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien talab sabiex jahdem bhala boiler operator u t-talba giet michuda u tali agir jammonta ghal agir diskrinatorju.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li s-socjeta appellata infurmati li ma kienx hem htiega li aktar niex jahmdu ghax soghol li qieghed jippretendi l-appellant u li ma ghandhux kwalifiki sabiex jaghmel dan ix-xoghol.

**PROVI**

Xehed Mark Farrugia quddiem it-Tribunal Industrijali fejn qal li kien jahdem bhala general maintenance pero xogholu huwa ta welder. Qal li l-principal kien idahhal l-imghallem tieghu l-engineer li xogholu kien supervision biss u mhux li jhaddem il-boiler. Mark Farrugia jghid li tilef hafna overtime. Kien hemm Mechanical Fitter wiehed biss u l-impjegati l-ohajn kienu Pipe Workers.

Rega xehed Mark Farrugia fejn qal li kien hemm hames haddiema biss. Qal li l-imghallem dahal jaghmel overtime meta ma jithallsx ghalih ghax jiehu elf Lira Maltin (Lm1,000). Qal li meta ha over ta' Falzon hu spicca mar jahdem mal-Water Services Corporation.

Xehed Paul Bugeja li huwa s-segratarju tat-taqsima Metal u Kostruzzjoni tal-GWU fejn qal li kien hemm kuntatt verbali fejn spjega li x-xoghol kien qieghed isir minn fitters u l-appellant ma kienx jinghata overtime. Ukoll is-supervisor kien qieghed jaghmel ix-xoghol tal-haddiema. Inghata risposta li l-appellant kellu jaghmel kors waqt li l-haddiema l-ohra ma kellhom dan ir-rekwizit ukoll.

Xehed Charles Taljana li huwa l-pay-roll supervisor fejn elenka il-lista ta' sieghat li haddmu l-impjgati bhala overtime fejn irrizulta li kien hemm minn hadem aktar overtime u kien hemm minn hadem inqas overtime minn Mark Farrugia.

Xehed Ivan Borg li huwa l-Financial Executive fejn spjega li l-kumpnaija hija fi stat ta' likwidazzjoni. Spjega li kien hemm sitt impjegati. Xogghol l-appellant kien li jiehu hsieb il-maintenance in generali tal-plant. Talab li jidhol jahdem fil-boiler plant fejn gja kien hem Boiler operator u xi had iehor li jassistieh. Talab li jigi ttranjat ghax ma kien ikkwalifikat ghal dak ix-xogghol. Tqabbad Engineer sabiex isir assessment tal-appellant u r-risposta kienet fin-negattiv. Ma kien prattiklu lijinghata t-tahrig neta l-kumpanija kienet ghaddejja

minn fazi ta' privatizzazzjoni. Kien hem bizzejjed nies kompetenti li kienu qed jaghmlu x-xoghol. Il-haddiema kienu fil-fatt registrati ma Malta Shipyards. Spjega li meta l-Boiler Operatur ma kienx ikun ghax-xoghol kien jidhol ghalih is-supervisor u li kien hu ihaddem il-boiler house.

Rega xehed Ivan Borg fejn spejga li gieli kien hem persuni li assistew lill-Boiler Operator pero mhux li joperaw lill-Boiler House. Jaqbel li Paul Giusti ma kienx kwalifikat sabiex jahdem gol-boiler house. Kiem jassisiti biss. Anthony Muscat kien jidhol jghin fil-boiler house u xogholu kien ta' supervisor.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li jrid jidhol fl-ezercizzju  jekk l-appellant inghata trattament diskiminatorju ossia trattament differenti minn haddiehor ghal ragunijiet mhux accettabli. Jirrizulra car illi l-kumpanija kienet ghaddejja minn privitazzjoni u ghalhekk ma kienx hemm zmien twil li kienet ser tibqa topera. Jirrizulta ukoll illi l-appellant ma kellhux l-kwalifiki necessarji u kellu bzonn jiehu tahrig. Ukoll minhabba r-restrizzjoni ta' zmien t-Tribunal japprezza li l-anqas ma kien hem dak iz-zmien sabiex tibghat l-appellant ghat-tahrig. It-Tribunal jifhem illi x-xoghol fil-boiler house huwa xoghol ta' certu periklu u jgorr mieghu certa responsabilita u kompetenza. Kien hemm persuna responsabbli sabiex jigi operat il-boiler house u kien hem persuna ohra li jassistieh li kellu certa esperjenza meta tal-ewwel ma jkunx prezenti. It-Tribunal jonnota ukoll illi huwa minnu li l-appellant kellu l-inqas sieghat ta' overtime pero hemm zewg haddiema ohra li kienu vicin u dawn huma Anthony Borg u David Vassallo

It-Tribunal mhuwex konvint illi kien hemm kaz ta' diskriminazzjoni. Il-fatti kif gew esposti jigifieri dawk hawn fuq imsmmija jaghti lok illi din il-kumpanija kienet fuq l-ahhar nifsiet ta' hajja u kien qieghed jipprova jinstabilha soluzzjoni sabiex taghlaq. Wiehed irid japprezza illi l-appellant kellu jinghata t-tahrig liema tahrig ma kienx hemm hin ghalih. B'hekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkustanzi it-Tribunal ihoss li ma hemmx kaz ta' diskriminazzjoni.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li Mark Farrugia ma rnexxielux jipprova li kien sofra xi diskriminazzjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

GSpiteri

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju